## Attivitajiet għax-xahar ta' Ġunju

**Il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju:** Project House 8.30 p.m. Illum is-sur Ġuże' Farrugia se jagħmlilna taħdita interessanti dwar il-Gżejjer Maltin. Ikun x'ikun is-suġġett is-Sur Farrugia dejjem jagħti taħditiet interessanti u informattivi. Titilfuhiex!

**Il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju:** Project House 8.30 p.m. Fr. Saviour Chircop se jqaddsilna quddiesa fl-okkażżjoni ta' **Jum il-Missier**. Nitolbu għall-għeżież tagħna mejtin u għall-missirijiet ħajjin li qed ikomplu jikkumbattu mal-ħajja waħedhom.

**Il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju:** Project House 8.30 p.m. Illum Fr. Adrian Cassar Pulis se jagħmlilna taħdita dwar: "Jiena bħala membru tal-Knisja".

**Il-Ħadd 22 ta' Ġunju:** Illum se nikkommemoraw **Il-Jum Internazzjonali tar-Romol**. Din il-ġurnata hija mfakkra anke mill-United Nations u għall-okkażjoni se nerġgħu immorru Buffet Lunch il-Vivaldi Restaurant Paceville. F'dan iż-żmien ukoll il-grupp jagħlaq 16 il-sena mit-twaqqif tiegħu. **Prezz: Kbar €25 Tfal €12.50** Bħas-soltu se nagħtu donazzjoni f'isem il-Grupp. Din is-sena se nagħtu donazzjoni lil **INSPIRE MALTA**

**Il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju:** Illum se niċċelebraw il-Birthday Celebrations ta' dawk li għalqu sninhom fix-xahar ta' Ġunju. Se niċċelebrawh ġol-Hockey Club li qiegħed qrib Project House. **Prezz: €10.50**: **Pizza/Pasta/Salad, Tazza Nbid/ Soft Drink, Cake, Kafe'**


**Chairperson: Maria Borg Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**





**Volum 17, Ħarga 6** **GUNJU 2014**

Għeżież ħbieb,

Wasalna fl-aħħar xahar li niltaqgħu ġewwa. Issa fix-xhur tas-sajf nibdew norganizzaw attivitajiet barra bħal ma nagħmlu kull Sajf. Allavolja fis-Sajf nitħarbtu xi daqsxejn għax min isiefer, min ikollu l-festi, parties eċċ. Imma l-grupp tagħna ma jieqafx fis-sajf iżda nibqgħu niltaqgħu għax nafu li l-membri jieħdu gost.

Peress li s-Sajf li għadda kellna xi attivitajiet li ma kellniex nies biżżejjed, dan is-Sajf iddeċidejna li ma nagħmlux attivita' kull ġimgħa iżda kull ħmistax għax mhux faċli tivvinta attivitajiet interessanti barra kull ġimgħa u barra minn hekk il-membri tal-kumitat jistrieħu ftit.

Dan ix-xahar niċċelebraw jum il-missier u għall-okkażjoni se nagħmlu quddiesa u nifirħu lill-missirijiet li hawn fostna li b'dedikazzjoni kbira u kuraġġ qed ikomplu jmexxu l-familji tagħhom waħedhom. Kollha nafu kemm hi diffiċli tmexxi familja waħdek kemm għan-nisa kif ukoll għall irġiel. Għalhekk il-grupp – biex nagħtu sapport lil xulxin u ninkoraġġixxu lil xulxin biex nibqgħu mexjin il-quddiem. Nhar it-23 ta' Ġunju, il-UNO tikkommemora International Widows' Day bħal kull sena aħna se ningħaqdu magħhom u niltaqgħu il-Vivaldi flimkien. Bħal kull sena se nagħtu donazzjoni għax nemmnu, u nafu li taqblu magħna, għax kull sena ikkoperajtu, li mill-ftit tagħna nagħtu lil min hu fil-bżonn u b'hekk fil-jum iddedikat lir-romol nagħmlu l-ġid ukoll. Narawkom!

Nieħu din l-okkażżjoni biex nirringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat għax-xogħol siewi tagħhom u għal kooperazzjoni sħiħa li dejjem taw. Nawgura lil missirijiet kollha fi ħdan il-grupp:

HAPPY FATHER'S DAY!

Dejjem tagħkom

Maria

# A Father's Day Prayer

Let us praise those fathers who have striven to balance the demands of work, marriage, and children with an honest awareness of both joy and sacrifice. Let us praise those fathers who, lacking a good model for a father, have worked to become a good father.

Let us praise those fathers who by their own account were not always there for their children, but who continue to offer those children, now grown, their love and support. Let us pray for those fathers who have been wounded by the neglect and hostility of their children.

Let us praise those fathers who, despite divorce, have remained in their children's lives. Let us praise those fathers whose children are adopted, and whose love and support has offered healing.

Let us praise those fathers who, as stepfathers, freely choose the obligation of fatherhood and earned their step children's love and respect. Let us praise those fathers who have lost a child to death, and continue to hold the child in their heart.

Let us praise those men who have no children, but cherish the next generation as if they were their own.

Let us praise those men who have "fathered" us in their role as mentors and guides.

Let us praise those men who are about to become fathers; may they openly delight in their children.

And let us praise those fathers who have died, but live on in our memory and whose love continues to nurture us.

**Kirk Loadman**

## GĦALIEX JUM IR-ROMOL?

Nhar it-tlieta u għoxrin ta' Ġunju jaħbat Jum ir-Romol. Dan huwa rikonoxxut ukoll mill-United Nations.
Xi kultant nistaqsi x'aħna niċċelebraw? Żgur li m'għandniex x'niċċelebraw bil-fatt li sirna romol. Għalhekk jiena nitkeb **nikkommemoraw** mhux **niċċelebraw.**

## JUM IR-ROMOL

Dan il-jum twaqqaf l-ewwel darba fl-Indja minn iben li ried ifakkar dan il-jum ad unur ta' ommu li sfat armla u fost sagrifiċċji kbar kompliet trabbi familja u tagħtihom futur. Aktar tard il-UNO irrikonoxxiet din l-għaqda u tatha status internazzjonali
Din l-għaqda twaqqfet biex tqajjem kuxjenza dwar is-sofferenzi tar-romol nisa u uliedhom li jiġu emarġinati, abbandunati, foqra u immaltrattati f'ħafna pajjiżi tad-dinja. Meta taqra fuq ħafna pajjizi barra minn Malta tinduna kemm isofru ħafna romol u orfni f'pajjiżi oħra. Dawn huma xi fatti li juruna li għal ħafna romol il-ħajja hija ħafna aktar diffiċli milli hi f'Malta.

1. 115 miljun armla jgħixu fil-faqar esposti għal mard u malnutrition
2. Romol nisa huma maqtula, abbużati, jaqgħu soġġetti għal prostituzzjoni, żwigijiet sfurzati, serq, imkeċċija minn darhom, iżolati fis-soċjeta' u abbuż fiżiku
3. 1.5 ta' miljun ta' ofrni jmutu qabel jagħlqu ħames snin.
4. Tfal ta' romol jaffaċċjaw illitteriżmu, nuqqas ta' edukazzjoni, xogħol sfurzat, traffikar ta' tfal, nuqqas ta' dar u abbuż sesswali.
5. Il-Persekuzzjoni u abbuż ta' tfal u romol m'huwiex limitat biss fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw imma anke fl-Ewropa speċjalment ir-Russja u l-Asja Ċentrali.
6. Romol f'pajjiżi żviluppati jaffaċċjaw iżolament soċjali, insigurta' u faqar minħabba nuqqas ta' xogħol u Kura medika

Għalhekk f'dan il-jum nirriflettu ftit u nkunu konxji ta' min hu ħafna agħar minnha u nirringrazzjaw 'l Alla ta' kull m'għandna minflok li neqirdu fuq li ġralna.